SAN ĠILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 14/KA1/11

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 08/08/'11 14**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 08/08/'11 16**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 08 t'Awwissu 2011.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-12.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Membru Joseph Oliva

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Skużati: Il-Membru Carmel Agius
Is-Sindku Peter Bonello

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-4 t'Awwissu 2011. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 13/KA1/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Chairperson ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P398 | Ittra mingħand Crow's Nest Pub rigward talba sabiex jagħmel tinda għal Octoberfest. |
| 4250, KA124 & P409 | Emails mingħand Ms Jenny Barth dwar xogħol ta' pavimentar quddiem Sarto Ltd. u Rebelli fi Triq Ross. |
| P402 | Email mingħand it-Transport Malta rigward Coaches weqfin jistennew fi Triq Ross. |
| P404 & 4326 | Ittra u email mingħand is-Sur David Soler dwar id-dħul mill-LES. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P398

2.02 Saret riferenza għall-ittra mingħand Crow's Nest Pub rigward talba sabiex jagħmel tinda għal Octoberfest. Il-

Kumitat ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ il-permess diment li jagħti aktar dettal ta' kemm ser idum biex jarma. Action taken see permit no. MB153/2011

Rif. Nru. 4250, KA124 & P409

2.03 Saret riferenza għall-emails mingħand Ms Jenny Barth dwar talba biex isir xogħol ta' pavimentar quddiem Sarto Ltd. u Rebelli fi Triq Ross, għas-spejjez tagħha.

Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv ġibded l-attenzjoni tal-Kumitat li:-

- kienu diġa qed isiru x-xogħolijiet mingħajr l-approvazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv u li Ms Barth kienet infurmata permezz ta' ittra riferenza KA124/Gen/11/JC li ma kellha l-ebda permess biex tagħmel xi xogħolijiet.
- B'riferenza għall-korrispondenza P409/11 qatt ma saret xi konversazzjoni magħha.

Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet spjegat il-proċedura tax-xogħolijiet u nfurmat lill-membri li ma jista jsir l-ebda xogħol jekk mhux bl-approvazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv waqt laqgħa uffiċjali.

Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir ix-xogħol ta' pavimentar minn Jenny Barth għas-spejjeż tagħha. Dment li dan isir skont is-sengħa, bil-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet, u li l-materjal li jintuża eventwalment ma jkunx ta' periklu għall-pubbliku. KA 0146/Gen/11-MC

2.04 Rif. Nru. P402

Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward *coaches* weqfin jistennew fi Triq Ross. Ġie deċiż unanimament li jiġi ffissat appuntament għal Ħamis 11 t'Awwissu 2011 filgħodu. KA0137/0436/11-MC

3 **Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

3.01 Iċ-Ċermen għan-nom tal-Kumitat feraħ lill-Membru l-ġdida Ms Mary Grace (Grace) Scicluna għall-ħatra fil-Kumitat Amminisrattiv Paceville.

3.02 Iċ-Ċermen talab biex issir laqgħa, mill-aktar fis possibli, ma' rappreżentant tat-Transport Malta biex jiġu ċċarati d-diversi lmenti li qed jirċievi fuq sinjali u marki ta' ċerti toroq f'Paceville. KA 0142/0435b/11-MC

4 **Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

4.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

4.02 Il-Viċi-Chairperson ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.

4.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

4.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

5 **Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 102 sa nru. 109 għall-approvazzjoni (Ara appendiċi 'B') u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

5.02 Il-Viċi-Chairperson issekondah.

5.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

5.04 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fis-1.10p.m.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**
26/9/11.

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**